



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15187/18

COVEME 5

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 14676/18 COVEME 4 + COR 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika kif adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-11 ta' Diċembru 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika

1. Filwaqt li jafferma mill-ġdid il-konklużjonijiet preċedenti tiegħu, il-Kunsill jilqa' r-rapporti mill-Kummissjoni dwar il-progress li sar fil-Bulgarija u r-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika. Il-Kunsill ifaħħar lill-Kummissjoni għall-ħidma tagħha, għall-metodoloġija li ntużat u b'mod ġenerali jaqbel mal-analiżi oġġettiva u bbilanċjata tal-progress li sar.
2. Il-Kunsill itenni l-aderenza tiegħu mal-valuri u l-prinċipji tal-UE, inkluż l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ifakkar fil-ħtieġa li l-progress li sar taħt il-Mekkaniżmu ikun irriversibbli sabiex il-Bulgarija u r-Rumanija jilħqu b'mod sodisfaċenti l-punti ta' riferiment rispettivi tagħhom u jissodisfaw l-oġġettivi aħħarin. Dan jiżgura l-funzjonament xieraq tal-linji politiċi u l-istituzzjonijiet tal-UE sabiex iċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod sħiħ mill-opportunitajiet offruti mis-sħubija fl-Unjoni. Għal dak il-għan, jibqa' ferm importanti li jkun hemm rekords konvinċenti, implimentazzjoni effettiva, u appoġġ politiku wiesa', sostnut u inekwivoku għar-riformi.
3. Il-Kunsill jilqa' l-passi pożittivi meħuda mill-Bulgarija matul il-perijodu ta' rappurtar u d-determinazzjoni u l-ambizzjoni muriġa mill-gvern tagħha biex iwettaq il-proċess tar-riforma bil-ħsieb li jiġu ssodisfati l-punti ta' riferiment kollha taħt il-Mekkaniżmu. Il-Kunsill jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li tlieta mis-sitt punti ta' riferiment issa jistgħu jitqiesu proviżorjament magħluqa u l-aspettattiva tagħha li, jekk tkompli għaddejja x-xejra pożittiva, jiġi konkluż il-Mekkaniżmu, u jħeġġeġ lill-Bulgarija biex tibni fuq il-momentum pożittiv u tkompli bl-isforzi ta' riforma tagħha, filwaqt li tikkonsolida l-progress b'mod konklużiv u irriversibbli.

4. Il-Kunsill jilqa' r-rapport pożittiv dwar l-attivitajiet tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM), u jinnota l-importanza li jkompli jiġi stabbilit rekord ta' teħid ta' deċiżjonijiet imparzjali u professjonali, b'mod partikolari dwar pożizzjonijiet ġudizzjarji ta' livell għoli. L-emendi tal-liġijiet kriminali li qegħdin fis-seħħ attwalment, tejbu l-qafas legali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-Kummissjoni. Il-Kunsill jinnota li ser ikunu importanti l-kunsiderazzjoni bir-reqqa u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati meta jkunu qed jiġu deliberati aktar emendi possibbli, b'mod partikolari dawk b'konsegwenzi potenzjali għas-sistema ġenerali tal-investigazzjonijiet kriminali u għall-bilanċ bejn l-istituzzjonijiet ewlenin. L-integrità u l-indipendenza tal-maġistrati trid tiġi garantita, inkluż permezz ta' mezzi effettivi għal rimedju fl-oqsma adatti kollha. L-iżbilanċi fil-volum tax-xogħol bejn il-qrati jenħtieġ li jkomplu jiġu indirizzati.

Il-Kunsill ifakkar fl-importanza ta' riforma kontinwa tal-ġudikatura biex ikompli jissaħħu l-professjonaliżmu, ir-responsabbiltà u l-effiċjenza, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni.

5. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni tar-riforma komprensiva tal-leġislazzjoni tal-Bulgarija kontra l-korruzzjoni, inkluż l-istabbiliment tal-aġenzija ġdida magħquda kontra l-korruzzjoni li issa hija kompletament operattiva. Ser ikun importanti li l-aġenzija turi l-indipendenza u l-imparzjalità tagħha, u li tiġġestixxi b'mod effettiv il-mandat wiesa' tar-responsabbiltajiet tagħha. Il-konsolidazzjoni ta' rekord sod dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, partikolarment f'livell għoli, tibqa' prijorità ewlenija.

Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, il-Bulgarija għamlet progress sinifikanti, u l-Kunsill iħeġġeġ il-konsolidazzjoni ulterjuri tar-rekord f'dan il-qasam, inkluż fil-qbid u l-konfiska effettiva ta' assi illeċiti.

6. Filwaqt li jfakkar fil-prestazzjoni pożittiva sinifikanti tar-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu fi snin preċedenti, il-Kunsill jenfasizza l-importanza assoluta li jiġi salvagwardat u kkonsolidat aktar il-progress li diġà sar. Il-Kunsill jinnota li r-rapport tal-Kummissjoni jenfasizza għadd ta' preokkupazzjonijiet serji u passi negattivi li ħolqu dubju dwar l-irreversibbiltà u s-sostenibbiltà tar-riformi. Sabiex titwitta t-triq għal konklużjoni b'suċċess tal-Mekkaniżmu għar-Rumanija fil-futur qrib, il-passi negattivi u l-preokkupazzjonijiet li jinsabu fir-rapport jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod sħiħ u deċiżiv, inkluż billi r-Rumanija timxi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-GRECO, u twettaq ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin kollha stabbiliti mill-Kummissjoni.
7. Ir-Rumanija teħtieġ tistabbilixxi mill-ġdid il-momentum pożittiv fir-rigward tar-riformi u tiegħu azzjoni fil-pront, b'mod partikolari dwar ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin addizzjonali stabbiliti mill-Kummissjoni b'rabta mal-indipendenza tal-ġudikatura u r-riforma ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha, kif ukoll dwar kwistjonijiet oħra ta' integrità enfasizzati fir-rapport. F'dan il-kuntest, il-Kunsill itenni l-importanza ta' impenn politiku inekwivoku, sostnut u estensiv biex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti mill-Mekkaniżmu, b'mod partikolari inkluż kunsens politiku biex tiġi rispettata l-indipendenza tal-ġudikatura skont ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin stabbiliti mill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tad-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (DNA).
8. Il-Kunsill ikompli jistenna li l-Bulgarija u r-Rumanija jissodisfaw għalkollox ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin rispettivi li għad fadlilhom stabbiliti fir-rapporti tal-Kummissjoni, li t-twettiq tagħhom ser iwassal għall-għeluq proviżorju tal-punti ta' riferiment individwali, ħlief jekk żviluppi fil-pajjiżi rispettivi b'mod ċar iqajmu dubju dwar il-perkors tal-progress jew iregġġhuh lura. Waqt li jfakkar li l-ħeffa tal-proċess ser tiddependi biss fuq il-progress rispettiv magħmul mill-Bulgarija u r-Rumanija, il-Kunsill jinnota li, dment li l-punti kollha ta' riferiment rispettivi jintlaħqu għalkollox b'mod sostenibbli u irreversibbli fil-futur qarib, il-Mekkaniżmu għandu sussegwentement jiġi konkluż. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza li r-rakkomandazzjonijiet ewlenin relatati kollha mill-Kummissjoni għandhom jiġu ssodisfati sabiex jingħalqu l-punti ta' riferiment.

9. Il-Kunsill itenni li l-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika għadu strumentali għall-progress. Huwa jibqa' għodda xierqa li tassisti lill-Bulgarija u r-Rumanija fl-isforzi rispettivi tagħhom għar-riforma, sabiex it-tnejn li huma jiksbu rekord ta' riżultati konkreti u dejjiema li huma meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-oġettivi tal-Mekkaniżmu. Il-Kunsill ifakkar li jinsab lest li jkompli jappoġġa l-isforzi tal-Bulgarija u r-Rumanija f'dan ir-rigward permezz ta' assistenza tal-UE u dik bilaterali. Sakemm jintlaħqu b'mod sodisfaċenti l-punti ta' riferiment rispettivi kollha permezz ta' proċess ta' riforma sostanzjali u fit-tul, li l-Kunsill jistenna f'dan il-qafas, il-Mekkaniżmu jibqa' fis-seħħ. Sa dak iż-żmien, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli bir-rapportar tagħha u jistenna b'interess ir-rapporti li jmiss tagħha dwar il-Bulgarija u r-Rumanija previsti fit-tieni nofs tal-2019. Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tissorvelja mill-qrib is-sitwazzjoni fil-Bulgarija u r-Rumanija u li żżomm lill-Kunsill regolarment informat.
-